*a differenza minn dak li jistgħu jagħmlu qrati fil-prim'istanza a tenur tas-subartikolu 175(1) tal-Kap. 12, qorti tal-appell m'għandiex is-setgħa li tilqa' talba għal bidla fl-isem ta' parti, imma biss jekk jirriżulta xi żball fost affarijiet oħra fl-isem ta' dik il-parti ndikata, u dan kif awtorizzata permezz tas-subartikolu 175(2) tal-istess liġi - skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 236 tal-Kap. 12, kull min għandu interess jista' jappella minn sentenza ta' qorti tal-ewwel istanza*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2024

Appell Inferjuri Numru 3/2023 LM

**Brandon Theuma**
*('ir-rikorrent')*

***vs.***

**Forestals Group of Companies (C 41655)**
*('l-intimata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà **Forestals Entertainment Limited (C 41655)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni mogħtija

fit-3 ta' April, 2023, nru. CCT84/20/F [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], mit-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha ddeċieda t-talba tar-rikorrent **Brandon Theuma (K.I. nru. 445593(M))** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'] fil-konfront ta' **Forestals Group of Companies** [minn issa 'l quddiem 'l-intimata'] billi laqa' t-talba tiegħu u ddikjara l-*Playstation 4 Pro* in kwistjoni kienet difettuża u għalhekk ikkundanna lil din tal-aħħar sabiex tirrifondi lir-rikorrent is-somma ta' erba' mija disgħa u erbgħin Euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€449.95) fi żmien ġimgħa, bl-ispejjeż a karigu tagħha.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw *'Playstation 4 PRO'* [minn issa 'l quddiem 'Playstation'] li r-rikorrent xtara min-negozju 'The Matrix' ġewwa San Ġiljan fid-29 ta' Settembru, 2018 għall-prezz ta' €449.95, fejn ingħata garanzija maħruġa minn FGL Entertainment Ltd għal perijodu ta' sena. F'Mejju tas-sena ta' wara, ir-rikorrent sab li l-'Playstation' ma kinitx qiegħda tixgħel, iżda meta ħadha fil-'Forestals Service Centre' ġewwa l-Imrieħel, qalulu li ġaladarba kienet skadiet il-garanzija ta' sena, huma ma setgħux joffru li jsewwuha jew li jagħtuh oħra minflokha.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrent għalhekk istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fil-konfront tal-intimata fit-13 ta' Lulju, 2020 permezz ta' Avviż tat-Talba, fejn talab ir-rifużjoni tas-somma ta' €449.95, rappreżentanti l-prezz tal-'Playstation'.

4. L-intimata għalkemm debitament notifikata bl-Avviż ma ntavolat l-ebda tweġiba.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"Ikkonsidra:*
>
> *Illi permezz tat-talba tieghu, u kif elabora fix-xhieda tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li jiġi rifuż l-ammont ta' erba' mija u disa' u erbgħin Euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€449.95) rappreżentanti l-prezz li huwa ħallas lill-azjenda intimata għal Playstation 4 Pro li huwa xtara mingħandha nhar id-29 ta' Settembru 2018. Spjega li f'Mejju 2020, dan il-Playstation żviluppa ħsara fis-sens li ma bediex jixgħel u għalhekk, kien tħassar kompletament. Meta kkuntattja lill-azjenda intimata għal rimedju, it-tweġiba li ingħata hija li ma jista' jsir xejn min-naħa tagħha ladarba l-perijodu ta' sena stipulat fil-garanzija kummerċjali mogħtija mal-prodott kien skada.*
>
> *Illi jingħad mal-ewwel li l-iskuża miġjuba mill-azjenda intimata ma għandhiex mis-sewwa u dan għaliex fl-ewwel lok, l-Artikolu 78 tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li* "il-bejjiegħ għandu jkun responsabbli lejn il-konsumatur għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità eżistenti mal-konsenja tal-oġġetti u li jimmanifesta ruħu fi żmien sentejn minn dakinhar [...]" *u fit-tieni lok, l-Artikolu 85 tal-istess Att jistipola bl-aktar mod ċar li* "garanzija kummerċjali u kull dritt mogħti lil konsumatur taħt il-garanzija ma għandhom b'ebda mod, sew dirett sew indirett, jeskludu jew jillimitaw id-drittijiet ta' konsumatur taħt dan l-Att jew taħt kull liġi oħra. Kull esklużjoni jew limitazzjoni simili li jiġu stipulati bi ksur ta' din il-projbizzjoni għandhom ikunu nulli u ineffettivi".
>
> *Illi jirriżulta ċar ukoll mill-atti li din it-Talba ġiet ippreżentata u notifikata lill-azjenda intimata entro l-perjodu ta' sentejn.*
>
> *Illi t-Tribunal jifhem li t-Talba tar-Rikorrent hija msejjsa fuq id-dispost tal-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li* "fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]".

*Illi jirriżulta għalhekk li dak li qed jitlob ir-Rikorrent jinkwadra fil-parametri tad-drittijiet legali tiegħu bħala Konsumatur.*

*Illi t-Tribunal iqis li li r-Rikorrent irnexxielu jipprova il-każ tiegħu skont il-liġi.*

*Illi intant, bis-silenzju tagħha f'dawn il-proċeduri, l-azjenda intimata effettivament naqset milli tikkontesta l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrenti u dan minkejja li kellha kull opportunità li tagħmel dan li kieku riedet."*

**L-Appell**

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-24 ta' April, 2023, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, filwaqt li tiċħad it-talba tar-rikorrent *ai termini* tas-subartikolu 22(4) tal-Kap. 378. Tikkontendi li l-imsemmija deċiżjoni appellata tikser id-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq u l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, fejn saħansitra hija wkoll qarrieqa.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. Ir-rikorrent wieġeb fis-26 ta' Mejju, 2023 fejn issottometta li d-deċiżjoni appellata hija waħda korretta u ġusta, u għaldaqstant timmerita konferma fl-intier tagħha filwaqt li l-appell odjern għandu jiġi miċħud.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta flimkien mas-sottomissjonijiet tar-rikorrent, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

9. Is-soċjetà appellanta tirrileva li hija kienet ġiet notifikata bl-Avviż tat-Talba tar-rikorrent fis-6 ta' Awwissu, 2020. Peress li diversi drabi hija kienet ġiet notifikata b'talbiet simili, iżda li ġew irrifjutati mit-Tribunal wara li saru s-sottomissjonijiet finali, hija kienet għażlet li ma tweġibx u minflok tagħmel sottomissjonijiet finali b'riferiment għal diversi sentenzi. Tispjega li l-ewwel seduta kienet saret fis-7 ta' Marzu, 2022, iżda din ma kinitx ġiet indikata fid-deċiżjoni appellata. Tgħid li hemmhekk kien sar qbil bejn il-partijiet li huma kienu ser jagħmlu tentattiv sabiex jirrisolvu l-vertenza b'mod amikevoli u l-proċeduri kienu ġew differiti għall-possibbli transazzjoni. Tkompli tgħid li madankollu tali transazzjoni ma seħħitx, u fis-seduta sussegwenti tas-27 ta' Ġunju, 2022 kien xehed ir-rikorrent u s-seduta ġiet differita għall-11 ta' Ottubru, 2022 fis-1.30 ta' wara nofsinhar. Iżda l-avukati tagħha ma kienux irreġistraw id-data, u għalhekk naqsu milli jattendu. Hawnhekk is-soċjetà appellanta tirrileva li s-segretarja tat-Tribunal qatt ma bagħtet il-minuti tas-seduti, u dan fejn il-minuti m'humiex aċċessibbli *online,* u għalhekk hija u anki l-avukati difensuri tagħha ma kellhomx mezz kif jikkonfermaw dak li kien seħħ waqt is-seduta msemmija. Għalhekk l-avukati difensuri tagħha kkomunikaw mal-ġudikant l-Avukat Mattia Felice, peress li d-diversi tentattivi sabiex jagħmlu kuntatt mas-segretarjat tat-Tribunal permezz tat-telefon kien mingħajr suċċess, u minn tfittxija *online* ma rriżulta l-ebda indirizz tal-*email.* Il-ġudikant kien idderiġa lill-imsemmija avukati difensuri sabiex jitolbu lis-Segretarja tal-Bord għall-minuti tas-seduta in kwistjoni, u filfatt fis-6 ta' Marzu, 2023 huma bagħtu *email* lilha fejn intalbet kopja flimkien mad-data tad-differiment. Huma ma kienu rċevew l-ebda tweġiba, u għalhekk fl-14 ta' Marzu, 2023 intbagħtet *reminder,* iżda din ukoll baqgħet mingħajr tweġiba. Imbagħad

fil-11 ta' April, 2023 is-soċjetà appellanta kienet infurmathom li hija kienet irċeviet kopja tad-deċiżjoni tat-Tribunal fejn dan laqa' t-talbiet tar-rikorrent. Tikkontendi li b'dan il-mod hija kienet tilfet id-dritt tagħha li tagħmel kontro-eżami u li tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha, kollox bi ksur tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali ta' *audi alteram partem.* Filwaqt li tiċċita s-subartikolu 22(2) tal-Kap. 378, b'enfażi fuq dak li jipprovdi l-para. (ċ) tiegħu dwar id-dritt ta' appell *"meta t-tribunal ikun mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella",* tikkontendi li fil-każ odjern it-Tribunal (a) għalaq il-provi tagħha qabel ma ngħatat l-opportunità li tippreżentahom; (b) ma nfurma bl-ebda mod b'dak li kien seħħ waqt is-seduta t'Ottubru, 2022, minkejja t-talbiet tagħha; (ċ) ma tax l-opportunità li jsir il-kontro-eżami tar-rikorrent; (d) iddeċieda l-każ biss fuq ix-xhieda tal-imsemmi rikorrent. Tgħid li dan kollu meħud in konsiderazzjoni li hija kellha interess fil-proċeduri billi l-avukati tagħha dejjem kienu preżenti, u l-ġudikant u anki s-segretarja tat-Tribunal kienu rċevew talba għall-minuti tas-seduta u għall-informazzjoni dwar is-seduta li jmiss. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li d-deċiżjoni appellata hija għalhekk leżiva tad-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq, u anki tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali. Tikkontendi li l-imsemmija deċiżjoni appellata hija wkoll waħda qarrieqa, għaliex għalkemm ntqal li *"l-ażjenda intimata effettivament naqset milli tikkontesta l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrenti u dan minkejja li kellha kull opportunità li tagħmel dan li kieku riedet",* hija ma ngħatat l-ebda opportunità sabiex tagħmel dan. Is-soċjetà appellanta tissottometti dak kollu li hija kienet ser tissottometti fl-eventwalità li ngħatat l-opportunità li tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha: (a) 'Forestals Group of Companies' m'għandha l-ebda personalità ġuridika u għalhekk l-ebda azzjoni ma

tista' tirnexxi fil-konfront tagħha; (b) ir-rikorrent xtara l-Playstation b'garanzija ta' sena; (ċ) l-ewwel difett fil-Playstation ġie komunikat sena u tmien xhur wara li nxtrat, u għalhekk mhuwiex każ ta' difett fil-prodott jew wieħed latenti; (d) dan l-argument intlaqa' f'deċiżjonijiet oħra quddiem it-Tribunal kif ċitati, u m'hemm l-ebda raġuni għaliex it-Tribunal jew il-Qorti għandhom jiddipartixxu minnhom.

10. L-appellat iwieġeb billi jissottometti qabel xejn li mhux konċess li jiġu ppreżentati dokumenti ġodda fl-istadju tal-appell, u għalhekk dawk annessi mar-rikors tal-appell għandhom jiġu sfilzati. Jikkontendi li għalkemm is-soċjetà appellanta tiċċita d-dispożizzjonijiet tal-para. (ċ) tas-subartikolu 22(2) tal-Kap. 378 favur tagħha, m'hemm l-ebda raġuni valida għall-preżentata tal-appell tagħha. Jirrileva li s-soċjetà appellanta kienet ġiet debitament notifikata u l-konsulenti legali tagħha attendew għall-ewwel seduta tas-7 ta' Marzu, 2022. L-appellat jgħid li din is-seduta kienet ġiet differita għas-27 ta' Ġunju, 2022, fejn għal darb'oħra s-soċjetà appellanta kienet preżenti, u huwa kien ta x-xhieda tiegħu bil-ġurament, filwaqt li l-proċeduri tħallew għall-11 ta' Ottubru, 2022 għall-provi kollha tas-soċjetà appellanta. Hawnhekk l-appellat jirrileva li din id-data ngħatat waqt is-seduta stess, u jirrileva li l-obbligu li jiġu segwiti l-proċeduri jinkombi fuq il-parti. Jikkontendi li fejn sar żball min-naħa tal-intimati, dan ma kienx isarraf fi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, u jgħaddi sabiex jagħmel riferiment għal żewġ sentenzi tal-Qrati in sostenn tal-argument tiegħu. L-appellat jirrileva li s-soċjetà appellanta kienet ġiet akkordata seduta proprju sabiex tippreżenta l-provi tagħha, tagħmel kwalunkwe kontro-eżami u tippreżenta d-dokumenti, iżda dan m'għamlitux. Barra minn hekk, hija kienet għażlet li ma tippreżenta l-ebda risposta għat-talba tiegħu. Jgħid li jekk tassew it-tentattiv

sabiex isir kuntatt mat-Tribunal permezz tat-telefon ma rnexxiex, is-soċjetà appellanta kellha l-interess jekk mhux l-obbligu li tmur fiżikament minflok fit-Tribunal. Għal dak li jirrigwarda l-garanzija, l-appellat jissottometti li l-liġi hija superjuri għal dak li nkiteb hemmhekk, u jagħmel riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 78 tal-Kap. 378. Għal dawn ir-raġunijiet huwa jissottometti li l-aggravju tas-soċjetà appellanta għandu jiġi miċħud. Dwar dak li kienet qiegħda tissolleva s-soċjetà appellanta fir-rigward tan-nuqqas ta' eżistenza ta' 'Forestals Group of Companies', jirrileva li s-soċjetà appellanta wieġbet għall-appell tiegħu u aċċettat li l-kawża tappartjeni lilha. Jikkontendi li l-imsemmija soċjetà appellanta mhijiex parti fil-proċeduri odjerni, u tista' tappella biss jekk il-Qorti tawtorizza korrezzjoni fl-okkju u għal dan il-għan huwa jitlob korrezzjoni sabiex minflok 'Forestals Group of Companies' jiġi ndikat 'Forestals Entertainment Limited'. Dan jgħid qiegħed jintalab għaliex il-korrezzjoni hija biss fil-kliem u ma kienet qegħda tintalab l-ebda bidla sostantiva. In sostenn tal-argument tiegħu, l-appellat jagħmel riferiment u jiċċita fit-tul is-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, deċiża fil-11 ta' Marzu, 2020 fl-ismijiet **Chadborn Holdings Limited *vs.* Tipico Co Limited et,** Rik. nru. 914/2019RGM, li straħet fuq id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 175(1) tal-Kap. 12.

11. Il-Qorti tibda billi tirrileva li kuntrarjament għal dak li qiegħed isostni r-rikorrent hawnhekk l-appellat, a differenza minn dak li jistgħu jagħmlu qrati fil-prim'istanza a tenur tas-subartikolu 175(1) tal-Kap. 12, qorti tal-appell m'għandiex is-setgħa li tilqa' talba għal bidla fl-isem ta' parti, imma biss jekk jirriżulta xi żball fost affarijiet oħra fl-isem ta' dik il-parti ndikata, u dan kif awtorizzata permezz tas-subartikolu 175(2) tal-istess liġi. Tgħid li joħroġ ċar mid-

dispożizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu li mhux kull talba għal korrezzjoni hija permessa mil-liġi, u l-każ odjern ċertament ma jinkwadrax fil-parametri stabbiliti.

12. Dwar kwistjoni oħra li r-rikorrent qiegħed jissolleva, jiġifieri d-dritt o meno tas-soċjetà appellanta li tappella mid-deċiżjoni tat-Tribunal, il-Qorti tirrileva li skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 236 tal-Kap. 12, kull min għandu interess jista’ jappella minn sentenza ta’ qorti tal-ewwel istanza. Iżda wara li ħadet konjizzjoni tal-garanzija tal-Playstation, li kopja tagħha tinstab esebita mal-Avviż tat-Talba tar-rikorrent fl-atti quddiem it-Tribunal, u liema garanzija saret mis-soċjetà FGL Entertainment Limited, kif ukoll meħud in konsiderazzjoni l-fatt li s-soċjetà appellanta naqset milli turi u tispjega l-interess tagħha fil-proċeduri odjerni, l-Qorti tikkunsidra li jonqos tali nteress, u għaldaqstant m’għandhiex tieħu konjizzjoni tal-appell tagħha.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-appell ippreżentat mis-soċjetà appellanta, tiddikjara l-imsemmi appell bħala wieħed irritu u null.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi u dawk ta’ dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-istess soċjetà appellanta.**

Moqrija.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.** | **Rosemarie Calleja** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |